Qorti ta' l-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imħallef Anthony Ellul

Appell numru:- 138/2015/1

**Cassar & Cooper Limited (C 2871)**
**(appellata)**

**Vs**

**Stephania Micallef (ID 419980M) u Anthony Micallef (ID 239880M)**
**(appellanti)**

17 ta' Ġunju, 2019.

1. **Dan huwa appell tal-konvenuti minn sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tal-4 ta' Ottubru 2018 li biha kkundannathom iħallsu lura lill-attriċi somma flus li l-qorti kkonkludiet li l-konvenuta rċeviet bi żball f'salarju.**

2. Mill-atti jirriżulta:

   2.1. Permezz ta' rikors ippreżentat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fil-11 ta' Mejju 2015, l-attriċi talbet li l-konvenuti jkunu kkundannati jroddulha lura s-somma globali ta' tmint elef disa' mija u tlett ewro u sebgħa u sittin ċenteżmu (€8,903.67) għaliex kienet ġiet indebitament imħallsa fil-forma ta' salarju għal xogħol u sahra lill-konvenuta skont kalkolu żbaljat, jew kull somma oħra verjuri, bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet kollha skont il-liġi, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali bin-numru 1637/14;

   2.2. L-intimati wieġbu[1] illi:

      i. Anthony Micallef mhux leġittimu kontradittur peress li qatt ma kien impjegat tar-rikorrenti;

[1] Fol. 6 – 9.

ii. It-talba hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante li m'huwiex minnu li Stephania Micallef tħallset somom żejda fil-forma ta' salarju għal xogħol u sahra;

iii. L-intimata kienet ilha taħdem mar-rikorrenti għal madwar 18-il sena u matul dan il-perjodu qatt ma ngħatat kuntratt bil-miktub tal-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħha inkluż l-ammont ta' paga. Għalkemm hija ġiet mgħarrfa li mill-2012 kien se jingħata żieda mal-paga li kellu huwa qatt ma ġiet nfurmata eżattament b' kemm kienet se tiżdiedilha l-paga.

2.3. Fil-11 ta' Lulju 2016 il-Qorti awtorizzat lir-rikorrenti tirrikjama quddiemha l-kawża fl-ismijiet ***Cassar & Cooper Ltd vs Marvin Ghirxi et*** Avviż Numru 137/2015.[2]

2.4. B'sentenza mogħtija fl-4 ta' Ottubru 2018, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ddeċidiet billi laqgħat l-ewwel eċċezzjoni tal-intimati u lliberat mill-osservanza tal-ġudizzju lil Anthony Micallef; ċaħdet il-kumplament tal-eċċezzjonijiet tal-intimati; laqgħet it-talba kif dedotta, slav dak fuq indikat, u kkundannat lill-intimata Stefania Micallef tħallas lis-soċjetà rikorrenti Cassar & Cooper Limited is-somma ta' **tmint elef, disa' mija u tlett Euro u sebgħa u sittin ċenteżmu (€8,903.67)**, bl-ispejjeż kollha tal-proċeduri u imgħax kalkolabbli mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv a karigu tal-intimata Stephania Micallef.

3. Il-konvenuta appellat mis-sentenza. L-aggravju tagħha hu li l-ewwel qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-provi prodotti quddiemha għaliex isostnu li l-attriċi ma tatx prova tal-pretensjoni tagħha.

4. L-appellata da parti tagħha tikkontendi li in kwantu l-appell tal-intimata huwa bbażat biss fuq il-kredibbiltà tax-xhieda, din il-Qorti m'għandiex tiddisturba d-diskrezzjoni eżerċitata mill-Ewwel Qorti fl-apprezzament tal-provi miġbura quddiemha. Tgħid li s-sentenza appellata hija waħda korretta, ġusta u attendibbli b'dan illi l-appell għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż in kwantu infondat.

---

[2] Fol. 90.

**<u>Konsiderazzjonijiet</u>.**

5. L-appell tal-appellanti hu identiku għal dak fl-appell **Cassar & Cooper Ltd vs Marvin Ghirxi** (137/2015/1) deċiż illum kontra Ghirxi.

6. Għaldaqstant sabiex tevita ripetizzjoni bla bżonn, il-qorti tagħmel riferenza għall-motivazzjoni kollha ta' dik is-sentenza (il-parti tas-sentenza ntestata *'konsiderazzjonijiet')* u tapplikaha *mutatis mutandis* għal din is-sentenza.

**Għal dawk ir-raġunijiet tiċħad l-appell bl-ispejjeż kollha kontra l-appellanti.**

Anthony Ellul.